- Art. 6 (1) tal-Konvenzjoni u Art. 39 (2) tal-Kostituzzjoni -
- Smiegħ Xieraq fi Żmien Raġonevoli -
- Lanjanza Kostituzzjonali ta' Min sar Parti f'kawża bi Trasfuzzjoni tal-Ġudizzju għaż-Żmien Anteċedenti l-Leġittimazzjoni tal-Atti -

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-3 TA' LULJU 2019

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Kost. 78/2017 RGM**

**Adrien Jonathan Facchetti**

**vs.**

**Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali;**
**Direttur General tal-Qrati; l-Avukat Generali;**
**u Sperenza Gatt armla ta' Ignatius Gatt u Joseph,**
**Carmel, Miriam xebba, Philip, Paul u William Gatt,**
**u Alexandra mart Joseph Mark Caruana ilkoll ahwa Gatt**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat **ir-rikors ta' Adrien Jonathan Facchetti (57402(L))** ppreżentat fl-10 t'Ottubru, 2017 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi r-rikorrenti gie legittimat fl-atti ta' missieru Joseph Facchetti bhala konvenut fil-proceduri mibdija nhar is-6 ta' Awwissu [1990] bl-att ta' Citazzjoni 883/1990 fl-ismijiet **Ignatius Gatt vs Franco Facchetti noe et** illi jinsabu differiti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-provi konvenuti, ghall-10 ta' Ottubru 2017 – din hija proprju l-ewwel seduta intiza ghall-provi tal-konvenuti, oltre 27 sena wara li gew intavolati l-proceduri odjerni.

2. Illi fid-data meta giet intavolata l-kawza *de quo*, l-esponenti, illi twieled fil-21 ta' Dicembru 1983, kellu biss sitt snin maghluqa u lanqas biss kien residenti Malta, ghaliex huwa twieled u ghex l-infanzja tieghu fi Franza, u ma kellux kuntatt mal-qraba paterni.

3. Illi r-rikorrenti gie a konoxxenza tal-proceduri *de quo* biss f'Settembru 2016 meta gie intavolat Mandat ta' Inibizzjoni (Mandat Numru 1297/2016/1/NC)fil-konfront tieghu. Huwa gie eventwalment notifikat bl-atti tal-kawza waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016, ossia ben sitta u ghoxrin (26) sena wara li l-kawza kienet giet intavolata.

4. Illi sa dak l-istadju tal-proceduri, dejjem 26 sena wara li l-kawza giet ipprezentata, l-atturi kienu ghadhom ma ressqu l-EBDA prova fil-mertu – effettivament, sussegwentement gie pprezentat Affidavit u dokumenti minn Carmel Gatt u waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju 2017 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat il-provi tal-atturi maghluqa, fuq l-insistenza sfiqa tar-rapprezentant legali tal-esponenti – l-atturi nfushom ma ghamlu ebda dikjarazzjoni tali.

5. Illi tajjeb illi jigi rilevat illi minn ricerka illi saret mill-konsulenti legali tal-esponenti, jirrizulta illi l-proceduri in kwistjoni kienu sahansitra gew: -

a) ikkancellati fl-1 ta' April 2009 [u mbaghad ri-appuntati] – *vide* l-verbal tal-1 ta' April 2009, anness u mmarkat bhala **Dok. AF1**

b) mibghuta *sine die* fl-14 ta' Ottubru 2014, minhabba li ma kien qieghed isir ebda progress – u gew eventwalment ri-appuntati **iktar minn sena wara** – ossia fil-21 ta' Ottubru 2015 [kif jidher mill-verbali tas-seduti tas-17 ta' Gunju 2014 u l-14 ta' Ottubru 2014, annessi u mmarati bhala **Dok. AF2** u **Dok. AF3** rispettivament]. Jigi rilevat li t-talba ghal tali riappuntament saret fl-ahhar jiem (precizament fl-ahhar sitt ijiem) taz-zmien perentorju ta' sitt xhur moghti minn **Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** li fl-iskadenza tieghu il-Qorti setghet tipprocedi bid-digriet tad-dezerzjoni tal-kawza.

6. Illi qabel ma gie notifikat bil-Mandat ta' Inibizzjoni su-riferit, l-esponenti qatt ma kien a konoxxenza ta' din il-vertenza. Wiehed irid iqis illi t-tliet konvenuti originali kienu:

a) Franco Facchetti - in-nannu tal-esponenti – illi qatt ma tkellem mal-esponenti dwar fatti tan-negozju u liema kuntatt mal-esponenti kien limitat.. L-imsemmi Franco Facchetti miet fis-27 t'April 1998 meta l-esponenti kellu erbatax-il sena;

b) Andrea Facchetti, iz-ziju tal-esponenti – illi mieghu l-esponenti kellu sahansitra anqas kuntatt milli kellu man-nannu patern. Sfortunatament, Andrea Facchetti kellu hajja mhux tant ideali, u miet f'cirkostanzi tragici fl-1993 meta l-esponenti kellu ghaxar snin;

c) Joseph Facchetti, missier ir-rikorrenti, illi ghamel zmien twil assenti minn Malta, tant illi r-rapprezentanza tieghu f'dawn il-proceduri

kienet originarjament vestita f'huh u missieru, u eventwalment f'kuraturi.

7. Fattur iehor ghal kollox irregolari fl-atti mertu tal-prezenti huwa l-fatt illi ghalkemm Joseph Facchetti rritorna lura Malta fl-1996, huwa baqa' qatt ma gie notifikat bl-atti tal-proceduri *de quo,* u anqas gie mharrek sabiex jidher fi kwalunkwe seduta. Dan minkejja li mill-atti, senjatament mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Settembru 2005, quddiem l-Assitent Gudizzjarju Yvette Cassar, jidher illi l-atturi originali, ossia l-intimati Gatt, kienu jafu li Joseph Facchetti kien irritorna lura Malta u filfatt kienu jafu wkoll l-indirizz residenzjali tieghu. Effettivament, missier l-esponenti qatt ma semma dawn il-proceduri mal-istess esponenti, sakemm miet fis-6 t'Awwissu 2014.

8. Effettivament, l-esponenti sar jaf dwar l-ezistenza ta' dawn il-proceduri biss wara l-mewt ta' missieru meta gew legittimati l-atti f'ismu - b'mod li llum huwa prekluz milli jkun jaf l-istorja mertu tal-istess proceduri, stante illi sadanittant, it-tliet konvenuti originali illi allegatament kienu involuti fin-negozju msemmi mill-atturi, kienu ga` mejta.

9. Fic-cirkostanzi, minhabba dan id-dewmien inordinat fil-proceduri, l-esponenti jinsab qieghed isoffri pregudizzju ingenti u sahansitra irrimedjabbli in kwantu huwa prekluz milli jressaq xi forma ta' difiza kontra l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur originali u llum is-successuri tieghu, ben 27 sena ilu meta l-esponenti kien tfajjel minuri. Kwindi l-esponenti effettivament m'ghandu ebda mod sabiex ikun jista' jilqa' ghall-pretensjonijiet attrici stante li hadd mill-konvenuti originali li setghu semmai jaghtu x-xhieda taghhom f'dan ir-rigward biss u unikament f'dan l-istadju, meta sa fl-ahhar ghalqu l-provi attrici, ma ghadu haj.

10. Dan effettivament huwa zvantagg insormontabbli u illi jpoggi lill-esponenti f'inabilita` u impossibilita` assoluta illi jressaq id-difiza

tieghu, u kwindi jcahhdu, ghal kollox intortament, mill-*equality of arms* fil-proceduri *de quo*, element essenzjali mid-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq sabiex issir gustizzja mal-istess esponenti. Dan jilledi direttament id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq ai termini tal-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.**

11. Tajjeb illi jigi rilevat illi l-atturi nfushom diga`, fi stadju precedenti, ilmentaw mid-dewmien irragjonevoli sabiex tinghata decizjoni f'dawn il-proceduri. Effettivament, huma istitwew proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** [Rikors Nru. 25/2010] illi gew decizi fid-9 ta' Lulju 2013, mill-Onorevoli Imhallef Anthony Ellul, illi ddikjara espressament illi ghalkemm effettivament kien hemm dewmien fil-proceduri mertu tal-atti odjerni, dan id-dewmien huwa attribwit ghall-atteggjament u l-agir tal-atturi nfushom.

12. Effettivament, ghall-facilita` tal-analizi, l-esponenti qieghed hawn jelenka l-proceduri sabiex b'hekk dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tidentifika anke bl-aktar mod delineat u succint, ir-ragunijiet ghad-dewmien hawnhekk lamentat:

| **DATA** | **ZVILUPP FIL-PROCEDURI** |
|---|---|
| 6 t'Awwissu 1990 | Prezentata tac-Citazzjoni |
| 14 t'Awwissu 1990 | Rikors Hatra Kuraturi Deputati Joseph Facchetti. Dan stante li sa mill-bidu tal-proceduri kien maghruf li misiser l-esponenti ossia Joseph Facchetti kien assenti minn Malta. |
| 27 ta' Settembru 1990 | Prezentata tad-Dikjarazzjoni Attrici |
| 3 ta' Dicembru 1990 | *Primo Appuntamento* - is-seduta giet differita minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti. |
| 20 ta' Frar 1991 | Differiment minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti. |
| 29 t'April 1991 | Differiment minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti. |
| 1 ta' Lulju 1991 | Differiment minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti. |
| 2 t' Ottubru 1991 | Differiment minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti. |

| | |
|---|---|
| 8 t'Ottubru 1991 | Nota Eccezzjonijiet tal-Konvenuti |
| 22 ta' Novembru 1991 | L-ewwel dehra effettiva - intalab illi ssir il-Legittimazzjoni tal-Atti ta' Ignatius Gatt f'isem l-atturi Gatt hawnhekk intimati. **Dan meta l-mewt ta' Ignatius Gatt kienet ilha illi sehhet minn Jannar 1991.** |
| 27 ta' Novembru 1991 | Rikors ghal-legittimazzjoni tal-Atti mill-atturi u dan wara ben **ghaxar (10) xhur** illi kien miet missierhom stess. |
| 31 ta' Jannar 1992 | Seduta differita sabiex jigu accettati l-bandi ta' Joseph Facchetti |
| 17 ta' Frar 1992 | Bandi ta' Joseph Facchetti accettati minn huh Andrea Facchetti |
| 5 ta' Marzu 1992 | Nota tal-Eccezzjonijiet u Dikjarazzjoni ta' Joseph Facchetti kif intavolata minn Andrea Facchetti |
| 6 t' April 1992 | Seduta intiza ghall-provi atturi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Madanakollu **hadd mill-atturi jew ir-rapprezentanti legali taghhom ma deher.** |
| 10 ta' Gunju 1992 | Seduta fejn ir-rapprezentati legali tal-partijiet spjegaw in-natura u c-cirkostanzi tal-ewwel eccezzjoni lill-Qorti. |
| 20 ta' Novembru 1992 | Ghal darb'ohra **l-atturi u d-difensur legali taghhom ma dehrux.** |
| 24 ta' Frar 1993 | Ghalkemm l-atturi dehru ghal din is-seduta xorta **baqghu ma ressqux provi** u dan ghax kien sar il-hin u x-xhud ma thallhiex jixhed. |
| 2 ta' Gunju 1993 | **Tlett (3) snin wara li gew intavolati l-proceduri** xehed l-Ewwel Xhud – u precizament **ir-rapprezentant legali tal-atturi**. |
| 8 ta' Ottubru 1993 | Il-Qorti giet informata li miet Andrea Facchetti u kwindi l-kawza giet differita sabiex issir id-debita legittimazzjoni. |
| 29 ta' Novembru 1993 | Kawza regghet giet differita ghal-legittimazzjoni tal-Atti wara l-mewt ta' Andrea Facchetti |
| 7 ta' Jannar 1994 | Kawza regghet giet differita ghal-legittimazzjoni tal-Atti wara l-mewt ta' Andrea Facchetti |
| 11 ta' Frar 1994 | Seduta differita minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti in vista ta' impenji ohra fil-Qorti Kriminali. Kien biss f'din il-gurnata li gie **pprezentat ir-Rikors opportun mil-attur sabiex issir il-legittimazzjoni tal-Atti**. Dan ben **4 xhur wara li l-Qorti giet informata bil-mewt ta' Andrea Facchetti. Din it-talba ghal legittimazzjoni intlaqghet mil-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Frar 1994 izda l-process gie kompletat biss fil-5 ta' Dicembru 1994.** |
| 3 ta' Frar 1995 | Seduta fejn ma deher hadd |
| 30 ta' Gunju 1995 | Seduta ohra li fiha essenzjalment ma sar xejn hlief li l- |

| | |
|---|---|
| | Qorti giet informata li saret il-legittimazzjoni tal-Atti ta' Andrea Facchetti u l-avukat tal-atturi hawn intimati Gatt informa lill-Qorti xi provi kien fadlilhom jitressqu. Hawnhekk il-kawza giet differita ghall-1 ta' Marzu 1996, ossia **disa' xhur wara** |
| 1 ta' Marzu 1996 | Kawzi kollha differiti fuq Ordni tal-Qorti ghall-20 ta' Marzu 1996. |
| 20 ta' Marzu 1996 | Xehed rapprezentant legali ta' Gatt u gie dikjarat li ma kienx hemm provi ohra dwar l-ewwel eccezzjoni x'jitressqu. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni preliminari ghat-22 ta' Mejju 1996. |
| 22 ta' Mejju 1996 | Ir-rapprezentant legali tal-atturi, hawnhekk intimati Gatt ipprezenta Nota b'Dokument li ddikjara li bi zvizta ma kienx gie pprezentat mad-Dikjarazzjoni annessa mac-Citazzjoni. Jigi rilevat li dan id-dokument kien l-allegat Ftehim li kien hemm bejn il-partijiet li fuqu l-atturi kienu qeghdin isejsu l-pretensjonijiet taghhom – **l-atturi, hawnhekk intimati, intebhu li dan id-dokument fondamentali ghall-allegazzjonijiet taghhom ma kienx inkluz fl-atti tal-process ben <u>sitt snin wara li gew intavolati l-proceduri, u sahansitra wara li gie dikjarat li ma kienx hemm provi ulterjuri x'jitressqu dwar l-ewwel eccezzjoni.</u>** |
| 2 ta' Ottubru 1996 | Saret trattazzjoni finali rigward l-ewwel eccezzjoni u l-kawza giet differita ghal Sentenza Preliminari ghall-11 ta' Dicembru 1996 |
| 11 ta' Dicembru 1996 | Seduta differita minhabba li l-Onorabbli Qorti kellha bzonn iktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza. |
| 9 t'April 1997 | Sentenza Preliminari fejn intlaqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, aventi kawza tal-esponenti. |
| 29 t'April 1997 | **L-atturi intavolaw l-appell taghhom mis-Sentenza tal-Prima'Awla, <u>proprju fl-ahhar jum utili ghal dan il-ghan.</u>** |
| 25 ta' Novembru 1998 | L-ewwel smiegh tal-Appell, sa liema smiegh kienet ghadha ma thallsitx il-kawtela da parti tal-atturi hawnhekk intimati minhabba li ma kienx hemm taxxa. |
| 23 t' April 1999 | Il-Qorti giet informata li kien miet Franco Facchetti. Sa dakinhar, ir-Registratur tal-Qorti kien ghadu ma nghatax il-valur sabiex fuqu jkun jista' jistabilixxi l-kawtela li kellha tithallas mil-intimati Gatt. |
| 2 ta' Frar 2000 | Id-difensur legali tal-intimati Gatt **<u>talab zmien jirregola ruhu qabel ma jinhareg l-avviz tas-smiegh</u>** |
| 5 t'April 2000 | Rega' **<u>ntalab differriment ghall-istess ragunijiet tas-</u>** |

| | |
|---|---|
| | **<u>seduta precedent</u>**, liema talba giet milqugha mill-Onorabbli Qorti tal-Appell |
| 6 ta' Novembru 2000 | Irrizulta li **<u>l-intimati Gatt ma kinux hadu passi biex issir il-legittimazzjoni tal-Atti</u>** u ghalhekk ma setghetx issir trattazzjoni. |
| 13 ta' Settembru 2001 | Ossia **<u>ben oltre ghaxar (10) xhur wara l-ahhar seduta, l-intimati Gatt talbu li ssir il-legittimazzjoni tal-Atti</u>** |
| 17 ta' April 2002 | Irrizulta li ma setatx issir it-trattazzjoni finali u dan ghaliex wahda mill-kuraturi kienet il-prokuratur legali illi ffirmat ir-Rikors tal-Appell |
| 5 ta' Gunju 2002 | Rega' ma sar ebda progress ghaliex **<u>kien ghad iridu jigu notifikati l-kuraturi ghall-wirt ta' Franco Facchetti u Franco Facchetti & Sons Footwear Limited</u>**. |
| 7 ta' Ottubru 2002 | Smiegh gie differit ghat-21 ta' Ottubru 2002 |
| 21 ta' Ottubru 2002 | Saret it-**<u>Trattazzjoni Finali tal-Appell mis-Sentenza Preliminari ben 5 snin u nofs wara illi kien gie intavolat l-appell</u>** u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2003 |
| 21 ta' Marzu 2003 | Appell differit ghall-10 ta' Ottubru 2003 |
| 10 ta' Ottubru 2003 | Sentenza tal-Qorti tal-Appell, fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell laqet l-Appell intavolat mill-atturi u rinvijat l-atti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili. |
| 29 ta' Marzu 2004 | L-ewwel seduta wara li l-kawza giet riappuntata +ghas-smiegh fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Fiha r-**<u>rapprezentant legali tal-atturi ma deherx</u>** u l-Onorabbli Qorti ordnat li ssir komunika lil dan l-Avukat sabiex isiru d-debiti notifiki. |
| 16 ta' Gunju 2004 | Kawza **<u>differita ghan-Notifika</u>** ta' wiehed mill-kuraturi. |
| 28 ta' Settembru 2004 | Kawza **<u>differita ghall-istess skop</u>** tal-verbal precedenti |
| 4 ta' Ottubru 2004 | **<u>Rikors sabiex issir notifika wara l-hinijiet legali</u>** |
| 27 ta' Ottubru 2004 | Kawza **<u>differita sabiex issir in-notifika</u>** tar-Rikors tal-4 ta' Ottubru |
| 2 ta' Frar 2005 | Il-Qorti appuntat lill-Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju biex jinstemghu x-xhieda quddiemha. Ghalkemm saru **<u>sbatax-il seduta mill-Assistent Gudizzjarju, l-intimati Gatt qatt ma ressqu provi,</u> ghalkemm fil-frattemp ir-rapprezentant legali tal-intimati Gatt u l-kuratur Dr Anthony Cutajar kienu qeghdin jidhru quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u jinformawha illi s-seduti qed isiru regolarment. Effettivament waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2006 l-Onorabbli Prim'Awla ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa s-seduti biex** |

| | |
|---|---|
| | **jinstemghu il-provi u wara dan il-Qorti kienet ser timxi fuq il-provi li kien hemm u ser taghti sentenza finali.** **Jigi rilevat li waqt dawn is-seduti R-RAPPREZENTANT LEGALI TAL-ATTURI JEW L-ATTURI KEMM-IL DARBA MA DEHRUX U FILFATT L-ASSISTENT GUDIZZJARJU KIENET RIPETUTAMENT INFORMATA ILLI L-ATTURI IRIDU JAGHMLU L-VERIFIKI NECESSARJI SABIEX JARAW JEKK GHANDHOMX INTERESS IKOMPLU B'DAWN IL-PROCEDURI, BIEX FIN-NUQQAS IL-KAWZA TIGI CEDUTA. L-ahhar seduta mill-Assistent Gudizzjarju kienet datata 8 ta' Ottubru 2008, fejn l-atturi ghal darb'ohra ma dehrux. Dan ifisser illi L-ATTURI, HAWNHEKK INTIMATI GATT, HLEW BEN 3 SNIN U SEBA' XHUR MINGHAJR MA TELLGHU MQAR PROVA WAHDA. Kaz car ta' abbuz ta' procedura li effettivament gie sanzjonat mil-Qrati u l-Awtoritajiet relattivi.** |
| 15 ta' Novembru 2006 | **Intalab differiment fit-tul mir-rapprezentant legali tal-intimati Gatt** sabiex jirregola ruhu rigward l-uniku konvenut li sa dak iz-zmien kien ghadu haj, Joseph Facchetti |
| 7 ta' Marzu 2007 | Il-**Qorti pprefiggiet terminu ta' tlett xhur sabiex l-atturi ossia l-intimati Gatt odjerni jaghlqu l-provi taghhom**. |
| 27 ta' Gunju 2007 | L-Onorabbli Qorti **regghet akkordat zmien sal-ahhar ta' Settembru sabiex jinghalqu l-provi attrici** |
| 5 ta' Dicembru 2007 | Il-**provi attrici baqghu ma gewx maghluqa u l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata zzomm is-seduti MINKEJJA KULL DIKJARAZZJONI PRECEDENTI.** |
| 16 t'April 2008 | Il-Qorti ffissat hi zewg dati ghas-seduti f'liema seduti kellhom jinghalqu l-provi attrici u sussegwement jibdew il-provi konvenuti. |
| 25 ta' Lulju 2008 | Gie intavolat Rikors mir-rapprezentant legali tal-atturi hawn intimati Gatt, sabiex jirrinunzja ghall-patrocinju tal-atturi, liema talba giet milqugha. |
| 26 ta' Novembru 2008 | Waqt din is-seduta kienet ghadha trid tinhareg in-nota ta' intaxxar tad-dritt tar-rapprezentant legali tal-atturi, hawnhekk intimati Gatt. |
| 18 ta' Marzu 2009 | Il-Qorti tat ghaxart ijiem zmien lill-intimati odjerni Gatt biex ihallsu r-rapprezentant legali taghhom. |
| 1 t'April 2009 | **Il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza** |

| | |
|---|---|
| 7 t'April 2009 | L-intimati odjerni Gatt ipprezentaw rikors u talbu li l-kawza terga' tigi appuntata ghas-smiegh – **proprju fl-ahhar jum utili ghal dan il-ghan.** |
| 3 ta' Novembru 2009 | L-ewwel seduta ta' ri-appuntament tal-kawza kkancellata. Madanakollu **ma kinux ghadhom saru d-debiti notifiki.** |
| 24 ta' Marzu 2010 | Seduta differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti. Effettivament **sa dan l-istadju jidher illi ebda tentattiv da parti tal-atturi sabiex issir id-debita notifika ma kien sar**. |
| 13 ta' Mejju 2010 | Seduta fejn ghall-ewwel darba l-attur Carmel Gatt kien assistit minn rapprezentant legali gdid. |
| 10 ta' Novembru 2010 | Seduta fejn gie ordnat illi r-rapprezentant precedenti ta' Gatt jghaddilhom il-*files* relattivi |
| 8 ta' Marzu 2011 | Seduta fejn la l-atturi u lanqas ir-rapprezentant legali taghhom ma deher. Biss kien jidher illi **kien ghad jonqos li jsiru xi notifiki.** |
| 8 ta' Gunju 2011 | Seduta ohra fejn fiha **ma deher hadd**. |
| 10 ta' Ottubru 2011 | Deher biss Carmel Gatt mill-atturi u tul is-seduta **rega' ma sar xejn**. Kawza differita ghar-rapport. |
| 25 ta' Jannar 2012 | Ghal darb'ohra, deher biss l-attur Carmel Gatt u **m asar xejn.** Kawza differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti |
| 15 ta' Mejju 2012 | Kawza differita **ghall-istess skop tal-verbal precedenti.** |
| 2 t' Ottubru 2012 | Kawza differita **ghall-istess skop tal-verbal precedenti.** |
| 9 ta' Jannar 2013 | Ir-**rapprezentant legali tal-atturi talab differiment** sabiex jintracca d-diretturi li ttrasferew il-proprjeta`li kien hemm lil terzi, u talab erba'(4) xhur ghal dan l-iskop. Dan minkejja li ghaddew ben **sitt snin minn meta l-atturi inghataw terminu sabiex jaghlqu l-provi taghhom.** |
| 7 ta' Mejju 2013 | Seduta fejn ir-**rapprezentant legali tal-atturi talab zmien ulterjuri sabiex jaghmel xi verifiki** |
| 13 ta' Novembru 2013 | Seduta fejn **ir-rapprezentant legali tal-atturi talab differiment**. |
| 28 ta' Jannar 2014 | Kawza trasferita ghand Imhallef gdid |
| 11 ta' Frar 2014 | B'ordni tal-Onorabbli Qorti din il-kawza giet differita ghall-udjenza tas-17 ta' Gunju 2014 |
| 17 ta' Gunju 2014 | Il-**Qorti innotat li kien ilu snin ma jsir ebda progress f'din il-kawza** u ordnat lill-atturi Gatt jirregolaw ruhhom, fin- nuqqas l-Onorabbli Qorti kellha tiehu l-provvedimenti opportuni. |
| 14 ta' Ottubru 2014 | Ma deher hadd u **l-Qorti halliet il-kawza *sine die*** |
| 8 t' April 2015 | Rikors tal-atturi sabiex terga' tigi appuntata il-kawza, **dan proprju sitt ijiem qabel ma kien ser jiskadi t-terminu** |

| | |
|---|---|
| | **ta- sitt xhur dettat mil-Ligi,** |
| 13 t' April 2015 | Digriet fejn il-Qorti laqet it-talba ghar-riappuntament |
| 21 ta' Ottubru 2015 | L-ewwel seduta bir-riappuntament tal-kawza – **aktar minn sena wara li giet differita *sine die***. Stante li **kien ghad jonqos li ssir in-notifika tal-mozzjoni tar-riappuntament** il-kawza giet differita. |
| 24 ta' Novembru 2015 | Seduta differita b'Ordni tal-Qorti minhabba impenji gudizzjarji barra minn Malta. |
| 26 ta' Novembru 2015 | Seduta differita minhabba li **kien ghad jonqos li jsiru xi notifiki**. |
| 11 ta' Frar 2016 | Seduta fejn **gie mitlub li ssir in-notifika ta' Joseph Facchetti wara l-hinijiet legali u anke bil-publikazzjoni u l-affissjoni jekk ikun hemm bzonn. Dan minkejja l-fatt illi Joseph Facchetti kien miet f'Awwissu 2014** u qabel din is-seduta l-ebda talba jew tentattiv f'dan is-sens ma kien qatt sar. **Filfatt Joseph Facchetti kien dejjem rapprezentat minn kuraturi tul dawn il-proceduri u dan minkejja li fl-2006 ossia ben ghaxar snin qabel din is-seduta kien intalab differiment sabiex isiru l-verifiki necessarji dwar Joseph Facchetti.** |
| 15 ta' Gunju 2016 | Kien hawnhekk illi **l-atturi Gatt talbu lill-Onorabbli Qorti li ssir in-notifika tal-eredi ta' Joseph Facchetti**. |
| 11 ta' Ottubru 2016 | Fejn **deher ghall-ewwel darba l-esponenti**. Waqt din il-kawza kien jidher li l-eredi l-ohra ta' Joseph Facchetti, Annette Meier, it-tieni mara ta' Joseph Facchetti ma kinitx ghadha debitament notifikata. |
| 1 ta' Frar 2017 | Kawza thalliet ghall-gheluq tal-provi rikorrenti. **Dan minkejja illi l-gheluq ta' dawn il-provi kien ilu jigi ordnat li kellu jsir mis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, kwazi ghaxar snin.** |
| 2 ta' Marzu 2017 | Waqt din is-seduta l-attur deher b'mazz dokumenti f'idu, liema dokumenti ma kienux kompilati f'forma procedurali korretta u l-Qorti kkoncediet terminu sal-istess gurnata tas-seduta sabiex jigu pprezentati dawn id-dokumenti, b'dan li jigu notifikati lid-difensuri legali tal-konvenuti Facchetti (l-esponenti) u Meier. Il-Qorti hawnhekk iddikjarat li salv ghal din in-Nota **l-provi rikorrenti kienu maghluqa**. Effettivament din in-Nota giet ipprezentata biss fit-3 t'April 2017 **xahar wara t-terminu moghti mill-Onorabbli Qorti u qatt ma giet notifikata lill-esponenti jew ir-rapprezentanti legali tal-konvenuti, liema nota kienet tinkludi Affidavit ta' Carmelo Gatt minkejja l-fatt illi f'dan l-istadju Gatt ma kienx gie** |

| | |
|---|---|
| | **awtorizzat jixhed.** |
| 26 t' April 2017 | Gie mitlub illi jsir l-isfilz tan-Nota pprezentata mill-atturi dan stante l-fatt li giet ipprezentata barra mit-terminu ffissat mill-Qorti, minhabba li d-dokumenti annessi ma kienux awtentikati u kif ukoll minhaba li din kienet tikkontjeni Affidavit li kien jikkostitwixxi xhieda ta' Carmelo Gatt, minkejja li Carmelo Gatt ma kienx gie awtorizzat jixhed, ladarba l-provi kienu gew maghluqa mill-Qorti waqt is-seduta ta' qabel.<br>l-attur Carmelo Gatt inghata gimgha sabiex iwiegeb ghal din it-talba. |
| 4 ta' Mejju 2017 | Inghata digriet fejn il-Qorti ordnat li jigu sfilzati d-dokumenti kollha li ma kienux awtentikati bid-dritt li l-attur jerga' jipprezentahom ladarba jkunu awtentikati fi zmien gimgha. In oltre, l-Qorti cahdet li jigi sfilzat l-affidavit tal-attur, hawnhekk intimat, Carmelo Gatt. |
| 14 ta' Gunju 2017 | Kien biss waqt din is-seduta illi sar l-isfilz tad-dokumenti u **l-provi tar-rikorrenti, hawnhekk intimati Gatt gew maghluqa. Dan fuq insistenza tar-rapprezentant legali tal-esponenti**. |

13. Issa minn dan is-sunt delineat tal-*iter* processwali sal-lum, jirrizulta kjarament illi d-dewmien lamentat kien, in parte dovut ghall-intimati Gatt [atturi] u in parte ghall-intimati l-ohra, izda certament illi ma kien hemm ebda htija da parti tal-esponenti illi dahal f'dawn il-proceduri sitta u ghoxrin sena biss wara illi gew intavolati.

14. Bhala konsegwenza ta' dan, mhux biss kien hemm dewmien fis-sistema gudizzjarja illi ghalih ghandhom iwiegbu l-intimati Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, id-Direttur tal-Qrati u l-Avukat Generali talli l-atturi thallew jabbuzaw mill-proceduri minnhom istitwiti ghal kwazi tlett decenji. Kwindi l-intimati kollha ghandhom iwiegbu ghall-pregudizzju kkagunat lill-esponenti illi, per konsegwenza, gie effettivament imcahhad mid-dritt tieghu ta' difiza illi huwa wiehed mir-ragunijiet bazilari ghaliex il-ligi takkorda l-jedd ghal process gudizzjarju fi zmien ragjonevoli. Dan jirrendi lill-intimati responsabbli ghal lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif kawtelati minn **Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **Artikolu 6(1) tal-**

**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.**

15. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qieghed jintavola dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement illi dina l-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara illi l-proceduri tal-att ta' citazzjoni 883/1990/AF qeghdin jilledu d-drittijiet tal-esponenti kif kawtelati minn **Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;**

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi minhabba tali lezjoni u n-natura anti-kostituzzjonali ta' dawn il-proceduri, il-proceduri tal-att ta' citazzjoni 883/1990/AF ghandhom jigu kkancellati definittivament minghajr ebda spejjez da parti tal-esponenti stante illi dan huwa l-uniku mezz effettiv illi bih jistghu jigu kawtelati d-drittijiet kostituzzjoni msemmija tal-esponenti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, kemm dawk pekunjarji u anke dawk mhux pekunjarji minhabba l-lezjoni hawn fuq imsemmija.

Salv kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun sabiex jigu sanciti id-drittijiet fundamentali u inerenti tar-rikorrent."

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali** ppreżentata fis-6 ta' Novembru, 2017 fejn jingħad kif ġej:

I. "Illi in linea preliminari, l-esponent Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhux il-legittimu kontradittur fil-konfront tal-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

II. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti stante li ma kien hemm l-ebda dewmien mhux gustifikat fil-proceduri civili attribwibbli ghall-esponenti u ghaldaqstant m'ghandu jirrizulta l-ebda ksur a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja *da parte* tal-esponenti;

III. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma sehh l-ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ukoll peress li d-dewmien li minnu qieghed jilmenta r-rikorrenti – u li minhabba fih qed jallega nuqqas ta' smigh xieraq – ma sehhx htija tal-esponenti izda jidher li kien anke attribbwibbli lill-intimati precedenti familjari tar-rikorrenti stante li bhala l-konvenuti fil-kawza imsemmija kellhom kull interess li jsegwu, ihabirku u jinsistu anke permezz tal-avukat taghhom sabiex il-proceduri jithaffew u jigu finalment decizi;

Illi huwa pacifiku li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja1;

IV. Illi in kwantu li r-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li sofra lezjoni tad-dritt tieghu taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja

[1] *George Xuereb v Registratur tal-Qorti et, Ref. 742/2000, (Qorti Kostituzzjonali) [08.11.2004]*

minhabba d-dewmien taz-zmien biex ikun hemm decizjoni definittiva fuq id-drittijiet taghhom civili, jehtieg li jigi sottolineat li l-kwistjoni dwar id-dewmien ma tistax tigi attribwita lill-esponenti, meta kien id-dover esklussiv taz-zewg partijiet fil-kawza li juru interess serju fil-kawza li kienu qed jiddefendu u li kellhom jirsistu sabiex il-proceduri jigu effettivament konkluzi. Ghalhekk, ma jistax issa f'dan l-istadju wara li l-intimati precedenti u cioe l-familjari tar-rikorrenti ma insistewx mal-Qorti koncernata sabiex taghlaq il-provi tal-intimati l-ohra f'din il-kawza u cioe tal-familja Gatt diversi snin ilu, u ghalhekk baqghu passivi ghal dawn is-snin kollha, issa qed jippretendi li jattribwixxi r-responsabbilita tad-dewmien lill-esponenti;

V. Illi *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent fic-cirkostanzji odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficcjenti;

VI. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat **ir-risposta tad-Direttur Generali (Qorti)** ppreżentata fis-6 ta' Novembru, 2017 fejn jingħad dan li ġej:

1. Illi l-eccipjenti assolutament m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal dawn il-proceduri u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxu l-allegat ksur ghal xi nuqqas min-naha tal-esponenti u ghalhekk anke minn da nil-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi ssir referennza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et (Rik Nru 73/14 LSO), fejn il-Qorti qalet hekk:

*Fil-kaz in dizamina r-rikorrenti qed jilmentaw minn lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom minhabba l-operat tal-Qorti, senjatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li waqfet il-proceduri in subbasta, u konsegwentement, huma gew inibiti milli jesegwixxu s-sentenza finali li ottjenew kontra d-debitur Charles Saliba. F'dan il-kaz, l-intimati Direttur Tal-Qrati u tal-Gustizzja u d-Direttur tal-Qrati Civili la kienu involuti fil-litigju u lanqas qed jigi impunjat l-agir amministrattiv taghhom. Il-kompitu taghhom huwa wiehed purament amministrativa li jesegwixxu l-ordnijiet tal-Qorti. Ma kellhom l-ebda poter jew diskrezzjoni li jkomplu bis-subbasta gialadarba kienet il-Qorti kompetenti li waqfet dawn il-proceduri.*

*Inoltre jekk din il-Qorti tghaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti, r-rimendju m'huwiex wiehed li jista' jinghata amministrattivament mid-Dipartiment tal-Gvern, imma semmai mill-Istat kif rapprezentat mill-Avukat Generali.*

*Fl-ahhar il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Lucien Stafrace noe v Agent Registratur tal-Qrati et. (9 ta' Novembru 1988) fejn il-Qorti dahhlet fil-fond fil-mansjonijiet tar-Registratur tal-Qrati kif ukoll fl-ufficju ta' l-imhallef u ordnat il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-Agent Registratur tal-Qrati kif ukoll tal-On. Ministru tal-Gustizzja u tal-Intern f'kawza li kienet tikkoncerna lanjanza dwar dewmien irragjonevoli fi proceduri gudizzjarji. Din il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha l-hsieb u konkluzjonijiet ragguntі f'din is-sentenza.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Civili u Tribunali qed tigi milqugha u qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.*

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-**Risposta tal-intimati Speranza Gatt, Joseph, Carmel, Miriam (xebba), Philip u William ahwa Gatt u Alexandra mart Joseph Caruan**a prezentata fit-18 ta' Mejju 2018[2] li permezz taghha jirrilevaw illi f'kawza kostituzzjonali huma qatt ma jistghu jkunu konvenuti ghax il-kawza kostituzzjonali hija kontra l-istat u mhux kontra l-individwu. Aktar u aktar meta hija bbazata fuq l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem illi qatt ma tikkunsidra kazijiet kontra individwi ghax il-partijiet illi huma firmatarji tal-Kovenzjoni huma l-istati u mhux cittadini ta' dawn l-istati.

Jeccepixxu illi ghalkemm il-familja Gatt jista' jkollha interess in statu et terminis qatt ma tista' tkun ikkundannata ghal xi vjolenza tad-drittijiet tal-bniedem. Dak jista' jkun l-istat biss illi jista' jikser tali drittijiet.

Rat risposta ohra taghhom prezentata fit-2 ta' Lulju 2018 li essenzjalment kompliet tamplifika fuq l-ewwel risposta taghhom.

---

[2] Pagna 178 tal-process

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet **Ignatius Gatt et vs. Franco Facchetti et** (883/1990AF) deċiża fl-14 ta' Marzu 2019;

Rat id-digriet mogħti fit-2 ta' Lulju 2018;[3]li permezz tiegħu din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li l-provi fil-kawza odjerna u dawk fil-kawza numru 20/2018RGM li qed tiġi deċiża kontestwalment, japplikaw għaż-żewġ kawżi.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli Avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Fatti Anteċedenti l-Kawża**.

Illi r-rikorrent Adrien Jonathan Facchetti istitwixxa l-proċeduri odjerni fl-10 ta' Ottubru 2017 jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż u dan minħabba li b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2016 kien ġie mdaħħal fil-kawża fl-ismijiet **Ignatius Gatt et vs. Francesco Facchetti et** (Ċit Nru 883/90AF) li kienet pendenti dak iż-żmien quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Eventwalment l-atti kienu ġew lilu notifikati fil-11 ta' Ottubru 2016. Jilmenta li bħala konvenut ġdid f'kawża li kienet ilha pendenti sitta u għoxrien sena fil-jum li sar parti f'dik il-kawża, kien tenut li jressaq il-provi u għalhekk ilmenta illi d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli kien ġie leż minħabba li fiċ-ċirkostanzi partikolari ma kienx hemm l-osservanza tal-prinċipju kostituzzjonali tal-"Equality of Arms".

[3] Paġna 225 tal-proċess.

Jirriżulta illi fil-mori ta' din il-kawża kostituzzjonali, il-kawża imsemmija pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Ignatius Gatt vs Franco Facchetti noe et** ġiet deċiza fl-14 ta' Marzu 2019 u minnha ma ġiex intavolat appell u għalhekk illum hi definittiva. Għall-aħjar istruzzjoni tal-proċess il-Qorti ser tiċċita partijiet minn dik is-sentenza:-

*"Din il-kawża ġiet intavolata disgħa u għoxrin sena ilu, l-attur Ignatius Gatt miet ftit xhur wara li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni u allura l-atti tal-kawża ġew trasfużi f"isem uliedu, fosthom Carmel Gatt.*

*Filwaqt illi l-atturi ma jaħtux għall-fatt li fil-mori tal-kawża mietu l-konvenuti kollha, u l-leġittimazzjoni tal-atti għal kull wieħed minnhom ħadet iż-żmien, il-Qorti tinnota li biss biss, l-attur għalaq il-provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta" ġurisdizzjoni ta" din il-Qorti fl-udjenza tal-20 ta" Marzu 1996, u ċioè aktar minn ħames snin wara li ġiet intavolata l-kawża, filwaqt illi l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova fir-rigward. Imbagħad, wara li l-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-ismigħ tal-kawża ssokta dakinhar tad-29 ta" Marzu 2004. Għal tlettax-il sena sħaħ minn dakinhar, ma sar assolutament xejn għaliex l-atturi kienu qegħdin itellgħu u jniżżlu għadx għandhom interess fil-kawża. Dan l-istat ta" fatt baqa" jippersisti sakemm il-kawża ġiet differita sine die minn din il-Qorti fl-14 ta" Ottubru 2014. Fuq talba tal-attur, il-kawża ġiet riappuntata fit-13 ta" April 2015, iżda xorta baqa" ma sar xejn. Fis-seduta tat-2 ta" Marzu 2017 din il-Qorti kienet kostretta tiddikjara li l-provi tal-attur kienu magħluqa, u dan wara li l-istess attur baqa" ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, ħlief kopja tal-iskrittura tal-1 ta" Awwissu 1980. Imbagħad, fit-3 ta" April 2017, iben l-attur, Carmel Gatt, ippreżenta affidavit tiegħu flimkien ma numru ta" dokumenti li l-Qorti ordnat l-isfilz*

*tagħhom mill-atti fuq talba tal-konvenuti in kwantu li ma kinux awtentikati. Minkejja li l-Qorti tat l-opportunità lill-attur jippreżenta kopja awtentikata ta" dawn id-dokumenti, huwa naqas milli jagħmel dan. Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova fil-mertu ħlief li għamlu kontro eżami tal-attur Carmel Gatt peress li Franco, Joseph u Andrea Facchetti laħqu mietu qabel ma ġie dikjarat magħluq listadju tal-provi tal-attur u la l-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta" Franco u Andrea Facchetti u s-soċjetà Franco Facchetti and Sons Footwear Limited u lanqas l-eredi tal-konvenut Joseph Facchetti ma kienu edotti mill-fatti tal-każ. L-eredi tal-konvenut Joseph Facchetti fil-fatt jinsistu li Joseph Facchetti lanqas biss kien jaf b"din il-kawża stante li meta ġiet intavolata huwa kien jgħix barra minn Malta u rritorna Malta biss f"nofs id-disgħinijiet. Għalhekk, nonostante li l-kawża ilha għaddejja disgħa u għoxrin sena, l-uniċi provi fil-mertu li jinsabu fl-atti jikkonsistu f"kopja tal-iskrittura u affidavit tal-attur Carmel Gatt li fil-fehma tal-Qorti lanqas huwa ta" min joqgħod fuqu, għaliex fil-maġġor parti jikkonsisti minn sensiela ta" supposizzjonijiet u konġetturi u fuq kollox mhux sostnut bi prova oħra attendibbli. L-attur donnu kien aktar konċernat jirrakonta ġrajjiet li m"għandhom x"jaqsmu xejn ma din il-kawża. Il-Qorti tistgħaġeb kif l-atturi qegħdin jippretendu li jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom, inkluż għall-kumpens tat-telf li allegatament batew, meta ma preżentaw l-ebda dokument jew ressqu xhieda oħra in sostenn tal-pretensjonijiet tagħhom. Flaffidavit tiegħu, l-attur Carmel Gatt isemmi ħafna dokumenti bħal kotba fejn kienu jinżammu l-ordnijiet, kif ukoll inkontri li kellu ma terzi li setgħu jixħtu dawl fuq il-fatti tal-każ, imma għal raġunijiet li jafhom hu biss, l-ebda xhud ma tressaq biex jixhed u l-ebda dokument ma ġie preżentat kif iridu r-regoli tal-proċedura. Filwaqt li din il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-eredi ta" Joseph Facchetti li l-konvenut Joseph Facchetti ma kienx jaf b"din il-kawża, l-atturi naqsu milli jispjegaw għalfejn*

*huma qatt ma ressqu mqar lil Joseph Facchetti sabiex jixhed, u dan minkejja li fis-seduta tad-29 ta" Settembru 2005 huma ddikjaraw li kienu jafu li Joseph Facchetti kien irritorna Malta u kienu jafu fejn qiegħed joqgħod.*

*- omissis -*

*F"ċirkostanzi bħal dawn meta l-attur ikun naqas milli jġib „il quddiem il-provi tiegħu meta kellu l-opportunità jagħmel dan ikollu jingħad li allura imputet sibi (ara f"dan is-sens u kuntest id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Stephen Camilleri vs Coralline Stone Malta Limited, tad-9 ta" Novembru 2005 u d-deċiżjonijiet hemm citati). Jekk huwa naqas milli jużufruwixxi ruħu mill-opportunità lilu mogħtija, fiż-żmien lilu konċess, l-attur m"għandux ilum ħlief lilu nnifsu.*

*- omissis -*

*Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għan-nota ta" sottomissjonijiet tal-attur Carmel Gatt, li fiha mhux inqas minn 247 paġna, liema nota hija miktuba b"mod konfużjonarju u inkoerenti għall-aħħar u karenti kważi għal kollox minn kull sens ta" ordni ta" ħsieb. Wara li l-Qorti ppruvat taghsar il-kontenut ta" din in-nota, jirriżulta li l-attur kull ma qiegħed jgħid hu li mhuwiex verosimili li l-konvenut Joseph Facchetti ma kienx jaf bl-eżistenza ta" din il-kawża kif qegħdin jippretendu l-eredi tiegħu, kif ukoll illi l-atturi m"għandhomx ibatu minħabba l-aġir allegatament abbużiv tal-konvenuti. Dwar tal-ewwel din ilQorti diġà espremiet l-opinjoni tagħha, imma terġa ttenni li kien jew ma kienx jaf Joseph Facchetti fuq din il-kawża, ma jibbenifika lill-atturi bl-ebda mod għaliex l-ewwel u qabel kollox riedu jkunu huma li jippruvaw il-premessi għat-talbiet tagħhom. Dwar tat-tieni wkoll, il-Qorti diġà qalet li l-atturi ma rnexxilhomx iressqu prova sodisfaċenti sabiex jikkonvinċu lill-*

*Qorti, imqar fuq bażi ta" probabilità, mill-verżjoni tagħhom. Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta" u tiddeċiedi lkawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni talkonvenuti, tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

Ikkunsidrat;

Il-kawża odjerna ġiet intavolata meta l-kawża numru 883/1990 kienet għadha pendenti tant illi fl-ewwel talba ir-rikorrent qed jitlob illi din il-Qorti tiddeċiedi li l-kawża pendenti qed tilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien ragjonevoli; filwaqt li fit-tieni talba qed jitlob illi l-qorti tordna li l-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili numru 883/1990 tiġi kanċellata definittivament "stante li dan huwa l-uniku mezz effettiv illi bih jistgħu jigu kawtelati d-drittijiet kostituzzjonali" tiegħu. Jgħaddi imbagħad sabiex fit-tielet talba jitlob likwidazzjoni tad-danni. Għal xi raġuni pero' ma intalabx ukoll il-kundanna tal-ħlas tad-danni pretiżi.

Huwa evidenti illi ġialadarba l-kawza numru 883/1990 ġiet deċiża, u ġiet deċiża favur ir-rikorrent, il-mertu tat-tieni talba sabiex il-Qorti tikkanċella proċeduri li kienu pendenti huwa issa eżawrit.

Mhux l-istess jista' jingħad fil-każ ta' l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu l-pretensjoni dwar l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni għadha tissussisti nonostante li l-kawża ġiet deċiza.

**Eċċezzjonijiet Preliminari**.

Illi qabel ma l-Qorti tiddelibera dwar il-mertu tal-kawża, jeħtieġ li l-ewwel jiġu deċizi l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati d-Direttur Ġenerali tal-Qorti u mill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Jeħtieġ jiġi trattat ukoll l-eċċezzjoni tal-konvenuti Gatt,

fejn jeċċepixxi illi huwa ma jirrispondux għal azzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li għalhekk m'humiex leġittimi kontradittturi.

**Eċċezzjonijiet Preliminari tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u tal-Ministru tal-Ġustizzja li m'humiex il-Leġittimi Kontradittturi.**

Id-Direttur Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja jeċċepixxu li f'azzjoni kostituzzjonali fejn qed jiġi allegat ksur tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli, huma ma humiex il-leġittimi kontradittturi. Dawn l-eċċezzjonijiet huma bbażati fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 181B (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: 'L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.' Mill-qari ta' dan l-artikolu jirriżulta ċar li l-għan tiegħu huwa li fi proċeduri ġudizzjarji l-Gvern ikun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rappreżentazzjoni mhux possibbli minħabba n-natura tat-talba, allura huwa l-Avukat Ġenerali li għandu jidher għal u jgawdi rappreżentanza residwa ta' l-istess Gvern.

Illi l-Avukat Ġenerali fit-trattazzjoni finali jabbraċċja dak li ġie eċċepiet mid-Direttur Ġenerali tal-Qorti u jispjega li 'meta tattakka l-operat tal-Qorti ma għandek l-ebda persuna li huwa inkarigat bil-materja in kwistjoni mill-Gvern' u dan għaliex id-Direttur Ġenerali m'għandux setgħa jindaħal fil-prosegwiment tal-proċeduri u kif dawn jitmexxew; huwa l-Imħallef stess li jiddetermina kif imexxi s-seduti. Il-Ministru mhux mogħti s-setgħa li jintervjeni fil-każijiet partikolari u mhux legali li jintervjeni.

Kif ġie dikjarat fis-sentenza **George Xuereb vs. Reġistratur tal-Qrati et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru 2004:

"Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorreni huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs. Kunsill Lokali Fgura** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 t'Ottubru 2005 ġie ritenut:

"Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet min ghandhom skond il-ligi - u hu ma hux f'posizzioni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."

F'sentenza aktar reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' April 2019 fl-ismijiet "**Dr Joseph Giglio nomine vs Avukat Ġenerali et.**" intqal fir-rigward ta' eċċezzjoni simili:-

".... huwa car li l-Istat ghandu jkun rapprezentat mill-Avukat Generali, anke tenut kont tal-fatt li l-materja tikkoncerna wkoll l-operat tal-qrati Maltin. Ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega li jitharrek ukoll il-Ministru konvenut biex jirrapprezenta lill-Istat."

Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza in materia il-Qorti qed tiddeċiedi li l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali tal-Qorti hija fondata u qed tiġi akkolta. Bl-istess mod jirrżulta illi l-Ministru intimat ma hux il-leġittimu kontradittur f'kawża ta' din ix-xorta stante li m'għandu l-ebda involviment ta' kif jitmexxew is-seduti u l-aġilita li l-proċeduri

jitmexxew. La mir-rikors promotur u lanqas mill-assjem tal-provi ma jirriżulta li r-rikorrent qiegħed iressaq xi ilment direttament kontra d-Direttur Generali (Qrati) u/jew kontro l-Ministru intimat. Għaldaqstant Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Ministru intimat, tiddikjara li f'dawn il-proċeduri ma hux il-legittimu kontradittur u tillberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni Preliminari tal-intimati Gatt li ma humiex il-Leġittimi Kontradditturi**.

Illi fil-konfront tal-konvenuti Gatt, il-Qorti tirreferi għad-digriet mogħti f'dawn il-proċeduri minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Mejju 2018 li jispjega tajjeb għalfejn l-intimati Gatt għandhom ikunu parti f'dawn il-proċeduri. Intqal hekk f'dak id-digriet:-

> "[...] il-Qorti taghraf illi skont il-Qorti Kostituzzjonali, jekk parti li b'xi mod jista' jkollha interess fl-ezitu ta' kawza kostituzzjonali ma tissejjahx bhala parti minn tali kawza, il-proceduri kollha jigu pronunzjati nulli, kif jidher mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Grace Spiteri vs L-Avukat Generali** (Rik. Nru. 100/2016) deciza fil-25 ta' April 2018. Ghalhekk il-Qorti ma tistghax taccetta l-argument tal-intimati Gatt, peress illi dan jista' jwassal ghall-annulament tal-eventwali sentenza.[4]"

In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li l-konvenuti Gatt huma leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri u għalhekk qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

[4] Paġna 177 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet fil-Mertu**.

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**.

Illi deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra it-talbiet attriċi fejn qed jiġi allegat ksur tal-**Artikolu 6 Konvenzjonali u / jew tal-Artikolu 39 Kostituzzjonali** li rispettivament jipprovdi s-segwenti:

**Artikolu 6. (1) tal-Konvenzjoni:-**
" Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]"

**Artikolu 39. (2) tal-Kostituzzjoni.**
"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

***Żmien Raġonevoli***.

Illi l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

*The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings…against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A )1989); 12 EHRR 74 para 58].*[5]

Ikompli jingħad li

*The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].*[6]

Illi dan it-tagħlim ġie adottat mill-Qrati Maltin fosthom fis-sentenza **David Marinelli vs. Avukat Generali** (3 ta' Lulju 2008), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) irriteniet illi: "B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,

[5] Paġna 440 tal-ktieb.
[6] Paġni 440 - 441 tal-ktieb.

2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess".

Illi huwa imperattiv li jingħad f'dan l-istadju li t-test ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri ċivili għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno. Fil-kawża **Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. nru. 71/2010 - deċiża fl-1 ta' Frar 2016) il-Qorti Kostituzzjonali ikkunsidrat illi

"Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."

***Kumplessità***

Illi l-ewwel fattur li għandu jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa jekk il-proċeduri ċivili kinux kumplessi. Każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni involuti fil-proċeduri, konnessjoni ma' proċeduri ċivili oħra, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta kif ukoll il-kumplessità ta' punti legali. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb tagħhom surreferit qalu hekk dwar il-punt ta' kumplessità ta' proċedura:

*As to the first of the three factors listed above, a case may be complex for many reasons, such as the volume of evidence, the number of*

*defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad, or the complexity of the legal issues involved. Although the Court takes into account a case's complexity, there may come a point where it will simply regard the proceedings as too long to be reasonable [See* ***De Clerck v Belgium*** *hudoc (2007) para 57 (nearly 17 years and still pending; money laundering and fraud)].*[7]

Illi l-ebda parti fil-proċeduri odjerna ma ssottometta li l-proċeduri ċivili kienu kumplessi. Fil-fatt l-anqas din il-Qorti ma tara li l-proċeduri ċivili kellhom xi element ta' kumplessità.

***Atteġġjament tal-partijiet***

Illi l-abilità tal-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, tiddependi wkoll fuq l-involviment tal-partijiet fil-kawża. Dan ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 83/13) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015:

"Il-Qorti kompliet tishaq illi huwa minnu li hu dmir tal-Qorti li tara li l-kawzi ma jdumux aktar min-necessarju, izda huwa daqstant l-obbligu tal-partijiet, inkluzi tal-periti gudizzjari, li jaghtu l-informazzjoni preciza lill-Qorti dwar dak li kien qed isir fis-seduti peritali, u jekk kienx qed jigi registrat progress. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kazijiet bhal dawk de quo fejn jirrizulta li l-imhallfin inbiddlu bosta drabi. F'dan il-kaz l-oneru tal-partijiet li dawn jinformaw lill-Qorti, allura preseduta minn Imhallef gdid, dwar l-andament tal-kawza jassumi aktar importanza."

Ikkunsidrat;

---

[7] Paġna 442

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Il-każ li għandha quddiemha l-Qorti ġie intavolat fl-10 ta' Ottubru 2017 minn Adrien Jonathan Facchetti, peress li fis-sena ta' qabel huwa ġie mdaħħal bħala konvenut fil-kawza "Ignatius Gatt vs Franco Facchetti noe et" li kienet ġiet intavolata minn Igantius Gatt kontra missier ir-rikorrent u oħrajn lura fis-sena 1980. Dik il-kawza kienet giet istitwita minn Ignatius Gatt kontra Franco Facchetti, in-nannu patern tar-rikorrent; kontra Andrea Facchetti, iz-ziju patern tar-rikorrent; u kontra Joseph Facchetti, missier ir-rikorrent. Fis-sena 2016 ir-rikorrent skopra l-ezistenza ta' dik il-kawza li kienet ilha pendenti mis-sena 1980 għaliex proprju ġie notifikat b'mandat ta' inibizzjoni. Qabel dik is-sena huwa ma kellux l-iċken idea illi kien hemm kawża pendenti li oriġinarjament kienet infetħet kontra missieru, nannuh u zijuh. Fis-sena 2016 ir-rikorrent sab ma wiċċu kawża li kienet ilha li bdiet sitta u ghoxrien sena fejn l-attur ma kienx għadu għalaq il-provi tiegħu.

Jirriżulta illi meta infetħet dik il-kawża fis-sena 1980 missier ir-rikorrent ma kienx jirrisjedi hawn Malta u għalhekk kienu ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapreżentawħ. Jidher illi l-kuraturi deputati ma kienx irnexxielhom jikkomunikaw ma' Joseph Facchetti li allura baqa' ma jafx bil-kawża. Tnax-il sena wara, u cioe' fl-10 ta' Gunju 1992, il-konvenut f'dik il-kawża Andrea Facchetti, iz-ziju patern tar-rikorrent, assuma r-rapprezentanza tal-ko konvenut Joseph Facchetti, missier ir-rikorrent minflok il-kuraturi deputati.

Missier ir-rikorrent irritorna lura Malta fis-sena 1996 iżda qatt ma ġie notifikat bl-atti tal-kawża u r-rikorrent jinsisti illi missieru ma kellux idea li kien hemm kawża pendenti kontra tiegħu. Isostni illi nannuh u zijuh qatt ma qalulu xejn bil-kawża. Missier ir-rikorrent miet fis-sena 2014 mingħajr ma qatt ġie notifikat bl-atti tal-kawża nru 883/90. Ir-rikorrent jemfasizza illi missieru qatt ma kien konxju sakemm miet illi kien hemm kawża pendenti kontra tiegħu.

Wara l-mewt ta' missieru, b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2016 il-Qorti fil-kawża imsemmija ordnat li l-atti jigu trasfusi minn isem id-defunt konvenut Joseph Facchetti għal f'isem r-rikorrent, qua iben id-defunt u f'isem Annette Meier, mart missier ir-rikorrent, Eventwalment ir-rikorrent gie notifikat b'mandat ta' inibizzjoni f'Settembru 2016 u min hemm skopra l-eżistenza ta' dik il-kawża.

Jixhed hekk ir-rikorrent: "At this stage, both my father and my grandfather were dead, as was my uncle Andrea Facchetti whom I barely even knew. I had never ever heard of the Gatts, much less about any business they claim to have done with my grandfather.. Consequently, there is no way that I can defend myself in these proceedings, in which I find myself dwarn totally without any fault, bar that of being my deceased father's son."

Ilment leġittimu fiż-żmien li sar tenut kont illi fil-kapaċita ta' konvenut tiegħu ta' konvenut ġdid f'kawża li kienet ilha pendenti 26 sena b'mertu li dwaru r-rikorrent ma kellu l-ebda informazzjoni. F'dawk iċ-ċirkostanzi kien mistenni li jiddefendi ruħu mit-talbiet attriċi tenut kont illi l-konvenuti oriġinali kienu laħqu mietu fil-frattemp.

Il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża nru 883/90 u ma jistax ma jiġix osservat li sew Franco Facchetti kif ukoll Andrea Facchetti naqsu milli juru interess fil-kawża. Nonostante li kienu notifikati ftit li xejn kienu jidhru għas-seduti ffissatti. Dan jista' jingħad ukoll għall-kuraturi deputati. Qatt ma oġġezzjonaw għad-dewmien u seduti inutili li kienu qed isiru u lanqas ilmentaw mal-Qorti li r-rikorrenti Gatt m'humiex iressqu l-provi tagħhom. Ġialadarba l-kuraturi ma ġewx estromessi, inkluż il-kuraturi ta' Joseph Facchetti (missier ir-rikorrent Adrian Faccheti) kien għadu d-dover tagħhom li jidhru għad-defunti. Kif ġie osservat "Kuratur deputat jigi appuntat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-persuna li qed jirraprezenta u jressaq sa fejn possibbli difiza. Naturalment fejn il-persuna rapprezentata hija assenti u ma jkunx

possibbli li ssir komunikazzjoni jew jittiehdu struzzjonijiet, id-difiza li kuratur deputat jista' jressaq hafna drabi hija xi ftit jew wisq limitata minhabba nuqqas ta' informazzjoni u mankanza ta' struzzjonijiet. Fl-istess hin il-ligi timponi fuq il-kuraturi depuati illi jittutelaw safejn possibbli l-interessi tal-persuna rapprezentata."[8] Dawn id-doveri jemanu mill-**Artikolu 936 tal-Kapitolu 12**. Il-kuraturi baqgħu sal-aħħar ma jidhrux fil-proċeduri ċivili u lanqas resqu xi prova. Interess fil-proċeduri ċivili beda jintwera biss mill-werrieta ta' Joseph Facchetti, u cioe' ir-rikorrent u mart missier ir-rikorrent, minn Ottubru tal-2016 hekk kif ġew intromessi fil-kawża bħala konvenuti wara t-trasfuzzjoni tal-ġudizzju. Għalhekk ma tistax ma tiġix osservata l-passivita tal-konvenuti preċedenti sakemm ma r-rikorrent sar parti fil-kawża f'Ottubru 2016.

Illi l-istess jista' jingħad għall-atturi Ignatius Gatt et. Ta' min jikkwota s-sommarju tal-involviment tar-rikorrenti Gatt li għamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Ignatius Gatt et vs. Franco Facchetti et** (883/1990AF) deċiża fl-14 ta' Marzu 2019:

> "Filwaqt illi l-atturi ma jaħtux għall-fatt li fil-mori tal-kawża mietu l-konvenuti kollha, u l-leġittimazzjoni tal-atti għal kull wieħed minnhom ħadet iż-żmien, il-Qorti tinnota li biss biss, l-attur għalaq il-provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 1996, u ċioè aktar minn ħames snin wara li ġiet intavolata l-kawża, filwaqt illi l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova fir-rigward.
>
> Imbagħad, wara li l-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-ismigħ tal-kawża ssokta dakinhar tad-29 ta' Marzu 2004. Għal tlettax-il sena sħaħ minn dakinhar, ma sar assolutament xejn għaliex l-atturi kienu

[8] **AB gja C vs L-Avukat Renzo Porsella Flores pro et noe** (Kontro-Mandat ta' Inibizzjoni 109/15/1RGM) deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-27 t'Ottubru 2015.

qegħdin itellgħu u jniżżlu għadx għandhom interess fil-kawża. Dan l-istat ta' fatt baqa' jippersisti sakemm il-kawża ġiet differita *sine die* minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2014.

Fuq talba tal-attur, il-kawża ġiet riappuntata fit-13 ta' April 2015, iżda xorta baqa' ma sar xejn. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017 din il-Qorti kienet kostretta tiddikjara li l-provi tal-attur kienu magħluqa, u dan wara li l-istess attur baqa' ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, ħlief kopja tal-iskrittura tal-1 ta' Awwissu 1980. Imbagħad, fit-3 ta' April 2017, iben l-attur, Carmel Gatt, ippreżenta affidavit tiegħu flimkien ma numru ta' dokumenti li l-Qorti ordnat l-isfilz tagħhom mill-atti fuq talba tal-konvenuti in kwantu li ma kinux awtentikati. Minkejja li l-Qorti tat l-opportunità lill-attur jippreżenta kopja awtentikata ta' dawn id-dokumenti, huwa naqas milli jagħmel dan."

Rilevanti wkoll dak li ġie osservat minn din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza mogħtija fid-29 ta' Lulju 2003 fil-kawża kostituzzjonali **Joseph Gatt et vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost Nru 25/2010AE), fejn l-intimati odjerni Gatt (atturi fil-kawża nru 883/1990) kellhom l-ardir li fis-sena 2010, jistitwixxu kawża kostituzzjonali jilmentaw li l-kawża nru 883/1900 (apparti kawżi oħra li kellhom) kienet qed titwal b'mod irraġonevoli u dan meta kienu huma stess li kienu qed jiprokrastinaw milli jagħlqu provi qua atturi. Il-Qorti Sede Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid fir-rigward:-

"Wara li nghatat is-sentenza fil-21 ta' Ottubru 2003 u l-kawza ntbaghatet lura biex tinstema' minn din il-qorti, is-smiegh gie appuntat ghad-29 ta' Marzu 2004. Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2005 il-qorti nkarigat Assistant Gudizzjarju biex jinstemghu x-xhieda. Ghalkemm saru xejn inqas minn sbatax-il seduta, Gatt **qatt ma ressqu provi**. Jekk ma sarx progress hu tort taghhom u ta' hadd iktar. Mill-verbali hu car hafna kemm il-qorti kienet tolleranti,

sakemm fis-seduta tal-1 ta’ April 2009 ordnat il-kancellament tal-kawza. Fis-7 ta’ April 2009 l-atturi pprezentaw rikors u talbu li l-kawza terga’ tigi appuntata ghas-smiegh. Il-qorti laqghet it-talba u appuntata ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2009. Sal-lum tista’ tghid li hu biss wiehed mill-kuraturi li jista’ jitqies li hu notifikat. Hadd iktar mill-konvenuti mhu notifikat bl-avviz ta’ smiegh ta’ rijappuntament. Mill-atti jirrizulta li minn dak iz-zmien l-atturi ma ghamlu xejn sabiex il-konvenuti kollha jigu notifikati minkejja li kwazi ghaddew iktar minn erbgha snin. Bizzejjed jinghad li wiehed mill-kuraturi sar Imhallef u ma giex sostitwit. Sahansitra fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2013 id-difensur tal-attur talab li jinghata perjodu ta’ erbgha xhur biex jaghmel verifiki. Fis-seduta ta’ wara talab iktar zmien. F’dan ix-xenarju r-rikorrenti m’humiex gustifikati li jilmentaw dwar id-dewmien f’din il-kawza. Dewmien li fil-fehma tal-qorti hu imputabbli ghall-atteggjament tar-rikorrenti u hadd iktar."

Illi din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni li jekk ma kienx hemm progress fil-kawża dan huwa awtribwit prinċipalment lill-familja Gatt.

Ikkunsidrat;

L-awturi **Jacobs, White and Ovey** fil-ktieb tagħhom "***The European Convention on Humand Rights***"[9] spejgaw illi:

"In civil cases .....The State can be held responsible only for delays which are attributable to it; if the parties to the litigation ........have caused or contributed to the delay, those periods of time are not taken into accout."

[9] 7th Edition - 2017 - OUP - paġna 303

**Id-dritt vantat mir-rikorrent**.

Jeħtieġ issa jiġi eżaminat id-dritt li jivvanta ir-rikorrent Adrien Jonathan Facchetti tenut kont illi *ex admissis* jiddikjara illi huwa gie a konoxxenza tal-kawza Ignatius Gatt vs  Franco Facchetti noe et nru 883/90AF f'Settembru 2016 meta gie intavolat mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tiegħu (Mandat ta' Inibizzjoni nru 1297/2016/1/NC) u eventwalment ġie lilu notifikat.  Huwa ġie eventwalment notifikat bil-kawża lamentata nru 883/90AF fil-11 ta' Ottubru 2016.  Kif rajna r-rikorrent Adrien Jonathan Facchetti jikkontendi wkoll li missieru qatt ma kien jaf bl-ezistenza tal-kawża u dan sakemm miet.

Jirrizulta illi mill-mument li huwa ġie notifikat bil-kawża de quo il-proċedura fil-kawża numru 883/1990AF imxiet 'il quddiem u eventwalment il-kawża ġiet deċiza kontra l-familja Gatt fil-mori tal-kawża odjerna preċizament f'Marzu tas-sena kurrenti.

Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont illi skond l-istess rikorrenti missieru lanqas biss kien jaf bl-eżistenza tal-kawża u tenut kont illi r-rikorrent daħal fil-kawża relattivament reċenti, iż-żmien li dwaru jista' jressaq ilment kostituzzjonali dwar in non osservanza ta' "żmien raġjonevoli" huwa mis-sena 2016 'il quddiem.

Rilevanti f'dan ir-rigward b'analoġija l-osservazzjoni magħmula mill-awtur **William A. Schabas** fix-xogħol tiegħu "***The European Convention on Human Rights***"[10]:-

"In legal systems where a plaintiff may join criminal proceedings as a parte civile, the period taken into consideration for the length of proceedings with respect to that person starts on the date he or she joins the criminal proceedings."

[10] OUP Edit. 2017 paġna 293

In sostenn Schabas jagħmel referenza għas-segwenti deċiżżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem: "**Lacatus and Others v. Romania** - no. 12694/04, 13/11/2012; u **Csiki v. Romania,** no. 11273/05, 05/07/2011.

Tenut kont illi l-kawża ġiet deċiza fis-sena 2019 a favur ir-rikorrent u kontra l-membri tal-familja Gatt, isegwi illi x-xenarju fil-kawża inbidel drastikament. Fil-bidu tal-kawża odjerna fis-sena 2017 l-ilment prinċipali tar-rikorrent kien illi jekk il-kawża ċivili kienet ser titħalla titkompla huwa kien ser isofri ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq peress li kien fl-impossibilita' li jressaq provi in difesa għar-raġuni li kienu għaddew 26 sena minn meta inbiet dik il-kawża u l-konvenuti oriġinali kienu mietu u hu ma kien jaf xejn dwar dak kollu allegat minn Gatt f'dik il-kawża.

Sakemm il-kawża nru 883/90AF kienet għada pendenti l-ilment tar-rikorrent illi t-tul taż-żmien mis-sena 1990 kien leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kien rilevanti. Fil-kamp kostituzzjonali l-interess ġuridiku ta' min jippromwovi l-azzjoni huwa aktar wiesgħa minn dak f'kawża ordinjarja. "Jinsab ritenut illi l-kejl tal-interess guridiku huwa l-utilita` li tiehu l-parti attrici mill-azzjoni jekk it-talba taghha tintlaqa’. L-interess guridiku jifforma parti minn dawk il-presupposti processwali li huma fundamentali ghall-validita` ta’ kwalsiasi azzjoni gudizzjarja......... Inoltre, huwa risaput illi l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi ikkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, salv li l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku [vide App. S. Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Avukat Francis Lanfranco et, deciza 28 ta’ Novembru 2003] (Qorti Kostituzzjonali - **Alfred Camilleri vs Avukat Ġenerali** - 25.11.2016). Hija wkoll ġurisprudenza kostanti illi l-interess ġuridiku tal-promotur tal-azzjoni ġudizzjarja jeħtieġ li tissussisti mill-bidu tal-azzjoni sat-tmiem tagħha.

Kif ġie dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Brittania Catering Company Limited vs Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet et.**" mogħtija fit-12 ta' April 2011:

"Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza taghna ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa "l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi usufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (Vol LXXVI p2 p 247). "L-interess irid ikun guridiku cjoe bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. (Ara Vol 37 p3 p889; Vol LXXIV p3 p481; Mattirolo Vol 1 pag. 50; Mortara Vol 11 p 588; Coen Vol 1 para 1 No.2) irid ikun dirett ( meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis-sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt ( Vol 32 p1 p540; p2 p 257). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Citaz Nru: 1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs L-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et deciza fit-28 ta' Marzu 1996). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (App J. Sammut vs C. Attard 17/2/1993 u Calleja vs Micallef App 1/4/1992)"

Ikkkunsidrat;

Una volta pero' li dik il-kawża ċivili ġiet deċiża a favur tar-rikorrent, allura l-ilment ta' indoli kostituzzjonalil oriġinarment propost ċertament li baqax kif kien fil-jum li fih il-kawża odjerna ġiet is Għaliex is-sentenza ta' Marzu ta' din is-sena eliminat dak li minnu, ġustament, kien qed jibża ir-rikorrent. Il-motivazzjonijiet li waslu lil dik il-Qorti għall-konkluzzjonijiet tagħha ma humiex rilevanti għall-finijiet tal-kawża odjerna. Una volta s-sentenza nru 883/90AF ġiet deċiza f'Marzu 2019 favur ir-rikorrent, jeħtieġ issa li jiġi eżaminat

jekk il-perijodu li matulu r-rikorrent kien parti f'dik il-kawża kienx tali li ma jikwalifikax bħala żmien raġonevoli.

Fil-fehma tal-Qorti il-kawża li minnha qed jilmenta r-rikorrent kellha effett fuqu mis-sena 2016, meta sar parti u ġie notifikat, sas-sena 2019, meta ġiet deċiża.. Jekk missieru ma kienx jaf bil-kawża għax qatt ma ġie notifikat ma setax issa r-rikorrent jilmenta għan-nom tad-defunt missieru. Bl-istess mod, una volta l-kawża ċivili ġiet deċiża f'Marzu 2019 a favur ir-rikorrent; m'għadx baqalu rilevanza l-ilment tar-rikorrent għad-dewmien tal-kawża qabel ma hu sar parti minnha. Id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli kellu t-twelid tiegħu fil-jum li fih ir-rikorrent sar parti f'dawk il-proċeduri ġudizzjarji u mhux qabel. Għalkemm ir-rikorrent ġie notifikat bil-kawża f'Ottubru 2016 u fetaħ il-kawża kostituzzjonali dwar dewmien fil-proċess ġudizzjarju sena wara u ċioe' f'Ottubru 2017, għall-finijiet tal-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrent il-perijodu rilevanti huwa minn Ottubru 2016 sa' Marzu 2019. Terminu dan li ma jistax jitqies bħala żmien mhux raġjonevoli meħud ukoll in konsiderazzjoni illi bis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2019 ir-rikorrent ġie sufrugat billi it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu ġew miċħuda bl-ispejjez kontra l-atturi Gatt, intimati fil-kawża odjerna.

Ezaminati l-atti, jirriżulta kjarament illi r-rikorrent Facchetti istitwixxa din il-kawża kostituzzjonali mhux qua eredi ta' missieru iżda qua parti fil-kawża.

Illi kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Conrad Axisa et v Avukat Generali et** (deċiża fis-7 ta' Awwissu 2013): " Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali

tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat"

Fil-kawża odjerna il-Qorti ġiet adita sabiex tiddelibera u tiddeċiedi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent, li d-drittijiet fundamentali tiegħu,u mhux ta' ħaddieħor, ġew miksura. Kienet tkun sitwazzjoni ferm differenti kieku l-azzjoni kienet tirrigwarda per eżempju leżjoni tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni (Protezzjoni tad-dritt għall-Ħajja) fejn allura l-familjari huma mogħtija l-istatus ta' vittma għall-finijiet ta' kawża kostituzzjonali u konvenzjonali.

Ikkunsidrat

Illi apparti l-ilment tad-dewmien, ir-rikorrent jissolleva fir-rikors promotur tiegħu l-kwistjoni li ġie mċaħħadm id-dritt tal-*equality of arms*. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża fl-ismijiet **Kress v. France** (Appl Nru 39594/98) deċiża fis-7 ta' Ġunju 2001 spjegat li l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi '*requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent*'.

Illi l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

*There is a breach of equality of arms if one party may attend the hearing when the other may not. The parties to a case must also be treated equally when calling witnesses. The Court has also indicated that equality of arms requires that a party to civil proceedings be permitted to have material evidence in support of his case admitted in*

*court; be allowed equal access to evidence; and be informed of, and hence be able to challenge, the reasons for an administrative decision.*

Illi waqt it-trattazzjoni finali l-abbli Avukat tar-rikorrent issottomettiet illi għalkemm llum il-ġurnata il-patroċinat tagħha ottjena deċiżjoni favorevoli, fil-verita' din ma kinitx waħda favorevoli għax huma ġabu provi aħjar minn dawk tal-familja Gatt iżda għaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet illi ma kienx hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant in vista li l-familja Gatt naqsu jġibu provi min-naħa tagħhom.

Illi l-Qorti għalkemm taqbel mar-rikorrent li s-sentenza kienet bażata prinċipalment fuq il-fatt li ma nġabux provi min-naħa tal-familja Gatt, l-ilment tar-rikorrenti illi kien mċaħħad mid-dritt ta' "equality of arms" minħabba li kien mistenni li jressaq difiża wara t-trapass ta' ħafna snin meta l-persuni li kienu a konoxxenza tal-fatti laħqu mietu, ġie eżawrit una volta ingħatat sentenza a favur l-istess rikorrent.

Għalhekk il-Qorti ma ssibx illi bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019 ġew miksura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent sanciti bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa’ l-eċċezzjonijiet kollha tad-Direttur Ġenerali tal-Qorti u tilliberah ukoll mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali

4. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Gatt u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Gatt.

5. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent billi ma ssibx illi bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019 ġew miksura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent sanciti bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
3 ta' Lulju 2019

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**
3 ta' Lulju 2019